**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fil-15 ta' Lulju 2007.

(1) ĠU L 310, p. 28.

---

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Ungerija

**(Kawża C-530/08)**

(2009/C 19/38)

*Lingwa tal-kawża: L-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Støvlbæk u B. Béres, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Ungerija

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma daħħlitx fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (1), jew, f'kull każ, billi ma kkomunikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Ungerija għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/36 fis-sistema legali interna skada fl-20 ta' Ottubru 2007.

(1) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

---

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-531/08)**

(2009/C 19/39)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u P. Dejmek, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/56/KE (1)tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata, jew, f'kull każ, li ma nnotifikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva fis-sistema legali interna skada fil-15 ta' Diċembru 2007.

(1) ĠU L 310, p. 1.

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-543/08)**

(2009/C 19/40)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Braun, P. Guerra e Andrade u M. Teles Romão, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

— tiddikjara li r-Repubblika Portugiża, billi żammet drittijiet speċjali tal-Istat f'EDP — Energias de Portugal, b'konnessjoni ma' ishma privileġġati (golden shares) tal-Istat, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 56 u 43 KE;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-memorandum u l-artikoli tal-assoċjazzjoni ta' EDP jistipulaw li kull sehem jiswa vot iżda li ma jittieħdux inkunsiderazzjoni l-voti li jesprimi azzjonista li jikkonċernaw l-ishma ordinarji li mhumiex proprjetà tal-Istat li jaqbżu 5 % tal-voti kollha li jikkorrispondu għall-kapital tal-kumpannija.

Skont il-liġi Portugiża, l-Istat għandu drittijiet speċjali f'EDP irrispettivament min-numru ta' ishma li tagħhom huwa proprjetarju. Dawn id-drittijiet speċjali huma, b'mod partikolari, id-dritt ta' veto fuq id-deliberazzjonijiet tal-assemblea ġenerali fir-rigward ta' emendi għall-memorandum u l-artikoli tal-assoċjazzjoni (inklużi deċiżjonijiet ta' żieda fil-kapital, ta' fużjoni, ta'ċessjoni u ta' stralċ), il-konklużjoni ta' kuntratti soċjali ta' koordinazzjoni u ta' subordinanza, u t-tneħħija jew il-limitazzjoni tad-dritt preferenzjali lill-azzjonisti fil-każ ta' żieda fil-kapital.

L-Istat għandu wkoll id-dritt speċjali li jaħtar amministratur meta jivvota kontra l-amministraturi proposti, meta dawn ikunu ġew approvati.

Il-Kummissjoni ssostni li kemm il-limitazzjoni tal-vot kif ukoll id-drittijiet speċjali jikkostitwixxu restrizzjoni għall-moviment tal-kapital u għal-libertà ta' stabbiliment. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu ostakolu għall-investiment dirett f'EDP, ostakolu għall-investiment fil-portafoll u ostakolu għall-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment.

Dawn id-drittijiet speċjali tal-Istat jikkostitwixxu miżuri tal-Istat ġaladarba l-ishma privileġġjati ma jkunux jirriżultaw minn applikazzjoni normali tal-liġi tal-kumpanniji.

Il-limitazzjoni tal-vot, fiċ-ċirkustanzi li ġiet fis-seħħ, tikkostitwixxi wkoll miżura tal-Istat.

L-imsemmija *golden shares* u l-limitazzjoni tal-vot ma jissodisfawx l-aspettattivi leġittimi ta' interess ġenerali, invokati mill-Istat Portugiż, dwar, b'mod partikolari, is-sigurtà pubblika, is-sigurtà tal-provvista u tal-għoti ta' servizz pubbliku.

F'kull każ, l-Istat Portugiż mhux qed josserva l-prinċipju ta' proporzjonalità ġaladarba l-miżuri inkwistjoni mhumiex adegwati sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għanijiet imfittxija u jmorru lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.